# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal University of

**It-Tieni Sena** **Marzu 1932** **No. 13**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**MARZU 1932 ]** **IT-TIENI SENA** **[ Nru 13**


## IT-TIENI SENA

Il-laqgħa sabiħa li ma' tul sena sħiħa kellu minn kullħadd "Leħen il-Malti" qawwitilna qalbna għas-sena li ġejja. Wara sena taħbit, ħsebijiet u taqtiq ta' qalb il-lum il-ktieb tagħna narawh imxerred kullimkien u milqugħ minn kullħadd bil-ferħa bħal ħabib mistenni u mixtieq. Ma kenitx ħolma tagħna, ma kenitx kburija meta sena ilu ħarisna ħarsa fil-bogħod, fil-bogħod taż-żmien u talwisa' li fih ridna nwasslu l-qari tagħna, għax il-lum wara sena naraw il-Malti miexi dejjem il-quddiem, miexi, bla ma jegħja, mal-mixja tas-snin fit-triq twila u bgħida li ħażżejnielu.

Naraw u nifirħu; u nifirħu għax inħossu li xogħolna ħdimnieh tajjeb. Għidnieh mill-bidu li l-fehma tagħna hi biss li mmexxu l-quddiem il-kitba tajba maltija bla ma nindaħlu fejn ma jesagħniex, bla ma ninbxu l-ħadd u bla ma mmellsu l-ħadd. Din kienet l-ewwel fehma tagħna, u din tibqa' sal-aħħar: fehma li ġibdet lejna l-qalb ta' kotra kbira li saru jħobbuna, jgħożżuna, jifirħu bina għalkemm il-ktieb tagħna għadu ċkejken, ċkejken u għeri mill-ġmiel u mit-tlellix li jżejjnu kotba oħra bħalu.

Nifirħu wkoll għax naraw li l-ħedma tagħna ma baqgħetx magħluqa fina nfusna biss. It-taħbit ta' qalbna xtered mal-kitba tagħna, sab qlub oħra jaqblu ma' qalbna u lilhom ukoll ġegħilhom iħabbtu bħal qalbna. U hekk qatgħa żgħażagħ, għalkemm mhumiex fix-xirka tagħna, tħajjru jiktbu, urew li jafu jiktbu, u jixtiequ li l-kitba tagħhom tidħol ma' tagħna. Inkunu ħatjin għal-Malti jekk ix-xewqa tagħhom ma nilqgħuhiex.

Ma' tul din is-sena naqsulna x'uħud mill-aħjar kittieba, li siefru biex igħaddu aktar il-quddiem. Iżda jfarraġna l-ħsieb li ma ndumux ma nerġgħu narawhom magħna u nistgħallu l-kitba tagħhom u t-tagħlim tagħhom.

Mill-banda l-oħra żdedulna kittieba oħra ġodda, li sa jibdew huma t-tieni sena ta' Leħen il-Malti. Dan l-ewwel għadd mhux ħaġ'oħra ħlief ġabra tal-ewwel kitba ta' x'uħud mill-imseħbin tal-Għaqda li, bħal xtieli fir-rebbiegħa, fetħu l-ewwel ward, li aħna hawn għaqqadnieh f'bukket imżewwaq u mfewwaħ.

Dan hu l-bidu tat-tieni sena; u għalina hu bidu tajjeb għax ġibilna ż-żjieda ta' kittieba oħra li bihom nistgħu naħdmu aktar u aħjar fix-xogħol tal-kitba maltija.

# FILGħODU

1. F'xi għodwa xitwija
taħt sema wisq sbejjaħ
biż-żiffa li ssejjaħ
għall-beraħ kull ħlieq;

2. Ħallini nissiefaħ
għal mixja bikrija
biċ-ċpar imniddija,
imfewħa bil-ward.

3. Niġġerra fix-xagħri:
ħaxix ta' kull sura
imlellex fil-ħdura
hemm nilmaħ bir-rħis.

4. F'xi wied immur waħdi
imsoqqi b'ċarċara:
is-sema fih nara
mwaħħal mal-qiegħ;

5. U l-ilma jitgerbeb
mn'ilma ieħor imħarrab
donnu anqas ixarrab
iċ-ċagħak u s-simar.

6. Fuq għolja mbagħad nitla
fejn jiena nsib saħar
nixxerref għall-baħar
kaħlani u sabiħ.

7. Ma' blat l-iżjed ikraħ
mudlam u waħdieni
nixxabbat jien kmieni
bħal seqer jew bies.

8. Mn'irdajjem jien naqsam
bid-dwieli miksija;
mn'imnieżel wigħerija
jien nirbaħ kull sies.

9. Indub qalb xi masġar
fid-dell li jferraħni;
bnin għana jserraħni
t'għasafar ħelwin.

10. F'din l-għodwa xitwija
bl-aqwa ikel ta' saħħa
lil qalbi nitmagħħa:—
għax nara l-Ħolqien.

Orazio Vella.

# IMĦABBA SIEKTA

Kien dak il-ħin li tmil ix-xemx biex tinżel
Waqt li l-għasfur isamma' għall-aħħar darba
Dik l-għanja ħelwa tiegħu li ġo' qalbek
Tidħol u ġġagħlek tħoss hena tas-sema;
Waqt li mill-bgħid jibda jfewweġ riħ safi
Li jġib miegħu l-fwieħa tal-għelieqi
Kollha mimlija nwar ta' lewn imżewwaq
Waqt li l-baħar kaħlani, kollu mkemmex
B'żiffa ħafifa, ikun b'dak leħnu ħelu
Tislima jrodd lil Dak li ħalaq kollox;
Meta jien waħdi max-xtajta tal-baħar
Kont sejjer qajla qajla b'rasi l-isfel,
Fil-waqt li kont mitluf fi ħsebijieti
Nisma ġo fija t-taħbitiet ta' qalbi
Jien rajt quddiemi x-xbieha tiegħek, tfajla,
Sbejħa bħal għodwa safja minn tax-xitwa
Sbejħa bħas-sema meta jkun daħkani......
Tbissimt int b'dawk għajnejk kbar u saħħara
Tbissima ħelwa li daħlet ġo qalbi.

* * *

X'għodwa sabiħa kienet dik għalija
Meta jien lilek rajtek l-ewwel darba
Hemm għar-rkobbtejk mixħuta fid-dar t'Alla;
F'qalbi x'ħassejt ma nafx meta f'nofs "Sliema"
(Fil-waqt li kont q'ed nitlob miġbur fija)
Għollejt għajnejja u rajtek hekk sabiħa...
Ma nafx, fl-għaliex skantat bqajt jien inħares
Donni mitluf f'xi ħolma l-iżjed ħelwa.
Iżda minn dak il-ħin ħsiebi tar fuqek
U minnufih ħassejtni mibdul f'ieħor.
—Għalxejn niżżilt għajnejja u komplejt nitlob,
Għalxejn ħarist il-fuq lejn il-quddiesa,
Għalxejn bil-ktieb quddiemi—ma stajtx naqra,
Għax inti biss kont qegħda f'moħħi u f'qalbi.

.....................................................................

Lgħada rġajt rajtek fl-istess post bil-qegħda
U l-ġranet l-oħra kollha, dejjem titlob,
Tħares dejjem il-fuq lejn il-quddiesa,
Donnok tistenna li xi ħadd ikelmek;
Fil-waqt li jien b'għajnejja fik imsammra
Kont nitgħaxxaq b'xofftejk nofshom miftuħa
Ħomor bħal-qroll donnhom warda maltija;

Kont nitgħaxxaq b'għajnejk żoroq bħas-sema
Dejjem iħarsu l-fuq, il-fuq qatt lejja;
Nitgħaxxaq kont b'idejk, bojod bħall-ġilju
Imgħaqqdin flimkien, imħaddna t-tnejn fuq sidrek...
Waqt li inti dejjem titlob fik miġbura
Mitlufa qalb dehriet t'Alla u tal-Ġenna,
Anqas biss ma kont taf li jien fid-dinja.

..........................................................................

Kien għadda ġmielu ż-żmien, jien sirt inħobbok
B'imħabba safja li trabbiet fi knisja,
Fik biss kont naħseb, għax int biss kont f'qalbi
Fik biss il-hena kont insib... fik biss.
'Ma wara ftit taż-żmien ma rajtekx iżjed
Hemm għar-rkobbtejk mixħuta fid-dar t'Alla,
Ma rajtekx iżjed bħalma rajtek qabel
B'idejk marbuta titlob b'qalbek kollha
—X'kien għadda minn għalik?... Ħadd m'għaraf qalli,
U għal xejn stennejtek għodwa wara l-oħra.

..........................................................................

'Ma f'did-dinja kif kollox malajr jgħaddi!
Kif wara l-bidu malajr jiġi t-tmiem!
Il-hena li f'qalbi jien kont bdejt inġarrab
Fis minni dieb biex qatt ma jarġa' lejja.
Inti sirt Soru, u rajtek b'libsa bajda
Fuq dak l-altar fejn xtaqt inkun jien miegħek,
Rajtek titgħaxxaq bl-Anġli sbieħ ma' dwarek
Tħoss ġewwa qalbek l-hena tas-smewwiet,
Fil-waqt li jien imrekken f'rokna waħdi
Xtaqt inħoss f'qalbi l-ferħ li kont tħoss inti.

* * *

Kien dalam sewwa, meta jien sibt ruħi
Mixħut fuq blata nħares lejn il-baħar
Ġa' l-kwiekeb kollha kienu qegħdin jiddu
L-ebda ħoss ċkejken ma kien hemm li jikser
Dik il-ħemda ta' kbura, tant sabiħa,
Ebda sinjal ta' ħajja ma kien jidher
F'dik id-dalma u skiet għaxqa ta' qalbi
U waqt li kont mixħut fuq dik il-blata
Ħassejt tmellisa ħafifa fuq ħaddejja
Ħsibt li kont int, imma int, tfajla, kont Soru;
Ma kienx ħlief riħ ħanin iżigħel bija!

V. Pellegrini.

# DAK KIEN ŻMIEN...

Dak kien żmien! Meta niftakar x'kull waħda konna nagħmlu, ninsa s-sebgħin sena li għandi, fis idub iċ-ċpar li sikwit jenġema' quddiem għajnejja, ir-rogħda li għandi f'saqajja ma nħossiex aktar, bħal saħħa ġdida, barranija nħossha tixtered ma' ġismi kollu u trid kieku tqabbiżni u tqajjimni minn fuq is-siġġu li għoddu ttaqqab bil-qgħad bla hedu u tqil ta' ġismi bla saħħa.

Mela ħa ngħidilkom waħda. Kienet x'in-nofs siegħa; bl-aħħar loqma ħobż f'idi, b'żarbuna nofsha mittiekla u mqatfgħa f'kull wieħed miż-żewġt ibwiet tal-qalziet, u bi ġlekk, li kien jaf erbgħa minn ħuti akbar minni, imgerbeb taħt abti ħriġt niġri mid-dar biex, xħin isiru s-sagħtejn, immur għand l-imgħallem li ma kienx iżommni jekk ma kontx inkun liebes bħan-nies (kien igħid hu). Ħdejn it-tomba tal-mandraġġ iltqajt ma' xi erbgħa oħra bħali mqarbin, jinbxu l-kullħadd, u billi kien is-sajf qtajnieha li mmorru nieħdu waħda l-fossa.

U tlaqna. Aħna u sejjrin, issa nċenċlu xi qampiena jew inħabbtu bis-saħħa xi bieb u nitilqu niġru, issa naqilbu xi mejda f'xi bieb ta' ħanut, issa ninbxu l-dan u issa ninbxu l-dak. Fil-waqt li konna sejrin għal fuq is-sur wieħed minna (li wara, miskin, temm ħajjtu l-ħabs) waqaf u fil-waqt li dorna miegħu qal: "Tafu x'għandna nagħmlu? ma mmorru ngħumu xejn, imma mmorru għal Pawlu ta' Indrì ngħidulu li Ġejta, l-mara ta' Ġankarl, għandha tarbija, u nġibuh idoqqilhom daqqa". Kullħadd għoġbitu l-biċċa. Sħabi telqu ġirja waħda għal ħdejn S. Duminku, u jien (jien, biex ingħid is-sewwa, kont misħut iva, imma f'dawn il-praspar dejjem kont nibqa' ftit lura) u ieħor tlaqna bil-lajma l-lajma għal ħdejn Ġankarl.

Issa dan Ġankarl kien xiħ ta' tlieta u tmenin sena, u kien igħammar ma' martu Ġejta, iżgħar minnu xi sentejn, f'daqsxejn ta' mezzanin ta' żewġ kmamar, waħda fuq u l-oħra isfel, fuq is-sur ta' Marsamxett, bil-qligħ ta' ħanut żgħir li kellhom fil-kamra ta' isfel.

Konna ilna xi kwarta fuq is-sur nistennew u nitħaddtu bejnietna, xħin nilmħu jilwu minn Strada Zecca għal Strada S. Lucia l-Pawlu ta' Indrì ma' xi tlett ixjuħ oħra, lebsin qadim, bi strumenti li kemm kemm ma jafux idoqqu weħidhom, u madwarhom, juruhom fejn, sħabi li kienu marru għalihom.

Sa fl-aħħar waslu u marru waqfu ħdejn il-bieb ta' Ġankarl; aħna nġbarna għalina ftit il-bogħod maqsumin bid-daħk, nistennew ħa naraw kif sa tmur il-biċċa.

Pawlu, wiċċu kollu daħkani, ħabbat żewġ taħbitiet li jregħdu.

Ftit wara tinfetaħ il-gallarija u jixref Ġankarl, b'mustaċċih kollha mqanfdin, imdellkin, imxarrbin bil-brodu, u b'magħarfa tqattar f'idu.

—Xi trid? issa qiegħed niekol.—

Wiċċ Pawlu tilef ftit minn dik id-daħka nofsha sfurzata li kellu, imma Pawlu għamel il-ħila u qallu:

—Nifraħlek, Ġankarl!—

—Biex? x'ġara?—

—Żdidna hux? ma tafx, ġejna ndoqqulek daqqa—U dawk ix-xjuħ bl-istrument imqabbad ma' xoftejjhom, jistennew lil Pawlu jgħidilhom l'*uno, due, tre.*

Gejta, li kienet għaxet dejjem mikduda u mifnija minn xewqa li jkollha t-tfal (imqar tifla), semgħet xi ħaġa minn ġewwa, fehmet x'kienet il-biċċa, gerbet is-siġġu li kienet fuqu u ħarġet tiġri kemm tawha saqajha u b'dagħdiegħa fuqha ta' mara ta' għoxrin sena.

Ġankarl, malli ra l-martu, ma tkellemx aktar, għax kien jaf li, fejn jidħol il-lsien, kienet tinqala' aktar minnu.

B'wiċċha mbegħren, għajnejha mberrqin, b'ħarsa li tbeżża' bdiet tferfer idejha u tgħajjat b'ħanġra daqshiex miftuħa, donnha waħda mxajtna:

—"Ma tistħux, ja ħafna xjuħ li intom, tatu fastidju lil min ma għandux ħsiebkom? Tfal ma kellniex, imma kellna biex inżommuhom kieku ġew. Din x'għarukaża hi; imissek qiegħed f'darek; raġel b'xerfek kollu trid tgħaddi ż-żmien bin-nies......" u ħafna kliem ieħor bħal dan li minnu ma niftakarx ħlief "ommok" u "missierek" u "razztek".

Naf li l-aħħar kliem tagħha kien "għax nitfalek daqqa ta' xitan"; u malli qalet hekk ħarset madwarha, rat l-imgħarfa f'idejn żewġha, ħatfithielu minn idu u waddbitha għal ras Pawlu. Imma ma laqtitux għax hu, miskin, għal-lewwel baqa' bħal miblugħ, imma xħin ra li sa taqbad l-imgħarfa bħal ġie fih in-nifsu, qabad l-isturment u dar jiġri għal wara l-kantuniera. Sħabu għamlu bħalu, u aħna nidħqu kemm nifilħu, tbiegħidna ftit, saffarna żewġ tisfiriet, għajjatna erba' għajtiet u tlaqna.

Ed. G. Coleiro

# F'DAWL IL-QAMAR

Ir-raħal jinsab midfun fin-ngħas u fil-ħolm; imma l-qamar qiegħed jistedinni biex noħroġ.

Qisu mhux bil-lejl. Kullimkien imdawwal għalkemm id-dawl huwa mitfi ħafna. Tara kollox ma' dwarek; imma ma tafx tgħid x'inhu. Fil-bogħod tilmaħ il-qċaċet tad-djar għoljin; tara d-dell tagħhom mudlam. Tinduna bid-dell tal-għolja fil-qrib, u b'xi ħaġa fuqha tleqq: tintebaħ li hu l-blat samm u qawwi milqut mid-dija tal-qamar.

Kont ilni nimxi qatigħ, u bqajt nimxi, fil-waqt li ħsejjes, ħelwin, imrikkba fuq iż-żiffa li, kemm kemm tfewweġ, ittaffi s-sħana li donnha għadha ħierġa mill-art, jaslu f'widnejja b'żgħila kbira. Inbiħ ta' klieb fil-bogħod, grillijiet isaffru, tiġieġ iqaqu għax jaħsbuh b'inhar u sriedek jiddnu biex iwensu lil seħbithom, daqq ta' orgni tal-idejn u għana li jidwi fil-widien—dana kollu jġigħelni naħseb li l-lejl hu xi ħaġa ħajja, li titkellem u taf iżżigħel u ssabbar u tħenni. Jew l-art li qiegħed fiha hi mimlija bl-Anġli jew bil-ħirsien li jiġġerrew taħt is-sħab marriħ u qalb il-ħxejjex u s-siġar u jsebbħu l-Ħolqien.

Imxejt u mxejt b'dawn il-ħsebijiet iduru f'rasi imma sa fl-aħħar il-għajja rebħitni u nxtħett bil-qegħda fuq ftit għamar li, kif stajt nara għad-dawl dgħajjef tal-qamar, kienu għamar tal-qamħ lewn id-dheb. Imteddejt fuq din is-sodda ratba u tfuħ, u, biex nistrieħ aħjar għalaqt għajnejja.. ........................... ...

... ................Insibni ġewwa ġnien l-iżjed sabiħ, imsaħħan mix-xemx li kienet qegħda titfa fuqu l-aqwa dija tagħha. Ma kienx ġnien imsawwar minn id il-bniedem; imma wieħed merħi għal kollox f'idejn in-Natura. Is-siġar tiegħu ma kenux imħawlin waħda wara l-oħra, imma waħda fuq l-oħra, imħabblin ġewwa xulxin u magħqudin flimkien. Ħxejjex ta' kull lewn u ta' kull daqs imsanġtin tajjeb maż-zkuk ta' dawn is-siġar kienu jixxabbtu magħhom il-fuq biex ifittxu x-xemx u d-dawl. Il-weraq kien qisu jilgħab maż-żiffa ħelwa u ratba; u l-ħin kollu jħaxwex waqt li l-ħoss tagħhom kien qiegħed jitħallat mal-għana tal-għasafar u mal-ħsejjes tal-ilma; u flimkien kienu joħolqu għanja ħelwa għasel.

Għax dak il-ġnien ma kienx imsoqqi bl-ilma tas-swieni, imma bl-ilma tal-widien u tax-xmajriet li kienu jiżżerżqu mill-għolja għal ġewwa fih. Dawn ix-xmajriet kellhom triq imgħawġa u mkawgħxa bħal lifgħa. Is-siġar u l-ħxejjex ta' ma'ġenbhom kienu donnhom jiddieħku u jitbissmu meta dan l-ilma kien iċarċar ħdejhom—jiddieħku u jitbissmu bil-għona ta' ħdurithom. Kull qatra ilma kienet safja ħwejjeġ tal-għaġeb: u rajt jiddi fiha d-dawl sabiħ tas-Sema u tgħaxxaqt bih.

Smajt daqq ħelu fil-bogħod : u ħsibtu daqq ġej mis-sema. Imma fhimt li kien daqq li waqt li jfarraġ u jhenni, iħalli xi ftif swied il-qalb, għax kien daqq mhux tal-bnedmin : bħal ħafna ħwejjeġ għeżież u ħelwa li huma fil-bogħod minna, ma jsabbruniex għal kollox u ħafna drabi jżidulna n-niket; bħal xewqat li ma jseħħux. Imma għalkemm mhux mingħajr xi ftit dwejjaq, dan id-daqq imlieli qalbi bi ħlewwa kbira; u bdejt nifraħ.

U ħassejtni mistrieħ ħafna fost sbuħija bħal din, u l-mistrieħ dam sigħat. Iżda sa fl-aħħar deherli li kien sarli l-ħin li nitlaq minn dan il-ġnien u narġa' l-ura lejn id-dar. Rajt li x-xemx imdawwra u tilma wisq u wisq iżjed mill-fidda kienet bdiet titbigħed u kienet waslet fix-xefaq, u qajl qajl inħbiet għal għajnejja biex tmur tgħannaq u tbus il-mewġ artab tal-baħar. Iddawl sar bħal taż-żerniq u bdejt inħoss il-kesħa tikber; tertirt bil-bard u, ma nafx kif, bexxaqt għajnejja : u nsibni fl-għelieqi mimdud fuq ftit għamar taż-żara' : il-qamar kien għoddu ntefa fix-xefaq.' Kien il-ħin ta' qabel it-tbexbix : Il-ġnien u kulma rajt ġa' fih kien ħolma.

Tlaqt bil-ġiri lejn id-dar. U xtaqt jiġrili hekk kull jum.

Orazio Vella.

# IS-SEBĦ

X'ħin ix-xemx fuq wiċċ il-baħar tibda' ssaħħan il-ħolqien,
U s-sħab kollu ta' ma' dwarha hija żżewwaq b'ħafna lwien

Mill-bejtiet u minn ġo s-siġar il-għasafar jiksru s-skiet
Tal-lejl ikraħ, ħiemed, waħxi ġo l-għelieqi u fuq l-għoljiet.

Dlonk mill-għorfa fqira tiegħu għax-xogħol joħroġ ir-raħħal
Bil-moħriet bl-imgħażqa tiegħu u bil-baqra jew bil-bagħal.

L'hawn u l'hemm fuq il-ħamrija mansab twil ikun mifrux
U l-għasafar li fih jinżlu ħlief l-għeluq hemm ma jsibux.

Issa 'l ward iqum mir-raqda, jerfa rasu lejn ix-xemx,
U mal-arja tiġi 'l fwieħa li ftit qabel ma kien hemmx.

Il-qanpiena fuq il-knisja dlonq tinstema' kullimkien,
X'ħin ix-xemx fuq wiċċ il-baħar tibda ssaħħan il-ħolqien.

G. Attard

# LIR-RUSINJOL

M'għadekx tisimgħu leħenha
Fuqani, sabiħ,
Jitriegħed mar-riħ;
M'għadekx tisimgħu jitriegħed?
Jien għadni nisimgħu
Ma kemm, kemm imbigħed.
Ah waqt l-iktar ħieni
Ah ħelwa tifkira
Int għadek turini
Int għadek tisqini
L-imħabba li tnisslet x'ħin sibna l-xulxin.
Ah lejla ta' żgħil,
Ta' mħabba bla tmiem,
Ta' serħ l-iktar bnin.

Għaliex intemmejt?
O hena jien ħsibtek bla tmiem,
O ħolm jien bsartek dewwiem.
Erġ'ejja ja ħolma sabiħa,
Erġ'ejja fuq xifer għajnejja.
Wassalha quddiemi,
Reġġagħha int ħdejja
Ħa' timla dal-beraħ
Li għandi ġo fija
Erġ'ejja ħolm sbejjaħ għalija.

Imm'inti għasfur la tibkix,
Lil-warda li bosta ħabbejt
X'fettillek insejt?
Għax lilha titħassar
W-għalija m'hemmx ħniena?
Hi marret itfittex band'oħra l-imħabba,
Insiet il-wegħdiet
Tal-ħajja l-għaddiet.
Jien biss bqajt hawnekka
Għal dejjem nitbekka.
Fil-għanja ta' niket u xhir
Mhux lilha... mhux lilha,
Hi għabet, hi marret,
L-imgħoddi hija sarret.
Għax nibku lil dawka li telqu,
La telqu ħa' jfittxu ward ġdid?
Ħa nibku lil dawka li baqgħu;
Għalihom in-niket
Il-fakra tal-hena li siket.

JOSEPH DIACONO.

# L-AĦĦAR RAĦEB TA' S. AUBIU

*(Maqlub mill-Franċiż ta' L. Veuillot).*

Il-Kunvent ta' S. Aubiu kien wieħed mill-kunventi l-actar għonja. Meta faqqgħet ir-Rivoluzzjoni Franċiża r-rħieb baqgħu fejn kienu; u billi kienu ftit, naħa waħda tal-Kunvent kienet biż-żejjed għalihom. F'lejla xitwija, daħlu fil-kunvent is-suldati Rivoluzzjonarji. Mingħajr l-ebda ħniena qatluhom il-koll barra minn wieħed, l-aktar żagħżugħ, li billi kellu ċella imwarrba, sata' jaħrab qabel ma waslu sa fejnu.

Meta dan ir-raħeb tbiegħed ftit mill-kunvent, ħaseb li dawn sejrin isibuh malajr, u għalhekk, qata qalbu u flok ma baqa sejjer, inxteħet għar-rkobbtejh jistenna l-qattiela. Imma l-qattiela ma ġewx. Wara ftit, imreżżaħ bil-bard u mġewwaħ, qam u beda jfittex xi kenn. Huwa sab għorfa li fiha kienu jgħixu nies foqra, dawna żammewh mistoħbi tul iż-żmien tal-persekuzzjoni. Meta raġa' kollox ġie għalli kien, ir-raħeb raġa' nġabar fil-kunvent, li minn dik il-lejla tal-qatla baqa' fieragħ għaliex ħadd ma kellu l-ħila jidħol. Hemm ir-raħeb sab il-kadavri ta' ħutu. Difnuhom u baqa' jgħammar fiċ-ċella tiegħu mdawwar minn ftit ajkijiet, li bħalu reġgħu ġew l-ura.

*   *   *

Lejla waħda tnejn min-nies, daħlu jistkennu fil-kunvent imħabba li qam maltemp. Ir-raħeb, x'ħin tawh l-aħbar sħabu, mar għal quddiemhom u laqagħhom. Wieħed minnhom kien raġel kbir fil-għomor, u ta' lemħa ħażina, dana kien donnu qiegħed jibża', l-ieħor, ibnu, kien żagħżugħ ta' għoxrin sena. Wara li xorbu, kielu u saħnu maġenb nar tajjeb, il-missier talab biex jibqgħu sejrin. Barra l-maltemb kien kiegħed jati; It-twajjeb raħeb tahom parir li jgħaddu l-lejl fil-kunvent, dana kien ukoll il-parir u x-xewqa taż-żagħżugħ. "Missieri ma riedx jidħol, qal huwa daħqani, baża' minn laqgħa ħażina, u jiena ħabbatt il-bieb bla ma ried hu.

"Tassew," wieġeb l-ieħor "u jiena nibqa' nafulek talli lqajtna imma ma rridx ingħaddi l-lejl hawnhekk," u hu jgħid dawn il-kelmiet kellu wiċċu mbażża u beda iżjed itemtem milli jitkellem. Ir-raħeb raġa' qal: "M'intom sejrin tħabbtu lil ħadd, għandna ħafna kmamar battala. Għamlu l-post hawn. Fir-Rivoluzzjoni..........."

"Iva, iva," qabeż malajr igħid ir-raġel "jiena smajt fuq dan. Imma x-xita waqfet nistgħu mmorru......"

F'dan il-waqt, faqqgħet ragħda, u l-ħoss tar-riħ qatagħlu kliemu. Huwa sfar. Ir-raħeb ħares lejh. "Qiegħed tisma' missier" qal iż-żagħżugħ; xi jsir minna f'dan it-temp u bil-lejl?"

"X'ħin hu mmela "wieġeb il-missier isfar daqs qarsa tax-xama, u hu u jitkellem ħareġ l-arloġġ. Ir-raħeb medd idu u ħadulu, huwa għarfu. Kien dak l-arloġġ li kien ħalla fiċ-ċella tiegħu meta ħarab bogħod mill-qattiela. Raġa' taħulu l-ura u qal liż-żagħżugħ: Orqod hawn u strieħ f'din is-sodda tal-aħħar raħeb ta' Sant'Aubiu. Int, qal lil missier, ejja miegħi, għandi kamra oħra fejn tkun tista' torqod.

Il-leħen ta' kliemu u l-ħarsa ta' wiċċu għalbuh u r-raġel qam biex imur warajh, mingħajr ma wieġeb kelma. Ir-raħeb ħadu fit-tarf tal-kuritur fiċ-ċella tiegħu minn fejn kien ħarab dik il-lejla tal-qatla "Hawn qallu r-rqad ikunlek anqas tqil, hawn-hekk ma xxerridx demm.

Ir-raġel waqa' għar-rkobbtejh. L-aħħar raħeb ta' S. Aubiu bierku. "Orqod ħija!" U ħallih.

Oscar Vella.

## IL-ĦAJJA

Qajl qajl bil-għajja
Int, ja Wied dejjaq, iċċarċar u l-plajja
Timla bil-ħajja.
Iddub fil-baħar;
U bik innifsek ma tistâx tiftaħar
Fik lè ssib saħar.
Hekk nistħajjilha
Ħajti tissemma; u tintemm jeħtieġilha
F'Dak li għamilha.

Orazio Vella.

**Xerrdu dejjem**

***Leħen il-Malti***

# KOTBA LI BAGHTULNA

E. B. VELLA. **Storja ta' Hal Tarxien u Raħal Ġdid.** *The Empire Press 1932.*

Kotba fuq l-istorja ta' Malta għandna qatigħ, miktubin jew bil-Malti jew b'ilsna oħra, iżda ma għandna l-ebda waħda li tifli l-ġrajja kollha ta' kull raħal mill-bidu tiegħu sal-lum. Għal dan ix-xogħol indaħal b'ħila kbira E. B. VELLA li s'issa kiteb l-istorja ta' Ħaż-Żabbar, taż-Żejtun u ta' Marsaxlokk, tal-Mosta, u ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid.

F'dan l-aħħar ktieb l-awtur ma jħallix ħaġra waħda li ma jqallibhiex minn kullimkien biex jifliha bir-reqqa u jgħidlek kull ma għadda minn għaliha. Kollox isemmi, ibda mit-tempju ta' Ħalsaflieni sal-Knisja li qiegħda tinbena Raħal Ġdid. Imiss iż-żmenijiet kollha: iż-żmenijiet qodma nett, żmien il-Feniċi, ir-Rumani, iż-żmien tan-Nofs, żmien il-Kavalieri, il-Franċiżi u l-Ingliżi. Għoġobni ħafna x-xebħ li għamel l-awtur bejn it-tempju nëolitiku ta' Ħal Tarxien u t-tempju ta' Mosè u ta' Salamun (faċċ 239-256).

Il-ktieb miktub bl-ortografija tal-Għaqda u mżejjen b'ħafna ritratti meħudin mill-ajru.

Stampat tajjeb ħafna fl-*Empire Press*, li l-lum hi magħrufa biż-żejjed għar-reqqa tax-xogħol ta' l-istampa l-iżjed fejn tidħol il-kitba bil-Malti.

Nißżuħajr lis-Sur E. B. Vella, nixtiequ tixrid kbir lil-ktieb tiegħu, u nittamaw li hu jibqa jiktbilna kotba oħra bħal dan.

---


☞ TRID TITGĦALLEM TIKTEB BIL-MALTI ?

ISSIEĦEB FL-AQWA RIVISTA MALTIJA

**«IL-MALTI»**

TOĦROĠ MILL

*"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI"*

**XELIN U NOFS FIS-SENA**

**Ikteb lil F. S. CARUANA, c/o Empire Press—VALLETTA.**

**ABBONAMENT**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.